A.L. 49 ta' l-1982

ORDINANZA DWAR IL-FABBRIKI (CAP. 169)

Ordni ta' l-1982 dwar il-Fabbriki (Estensjoni ta' Tifsir)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar il-Fabbriki, il-Ministru tax-Xogħol u Servizzi Soċjali għamel l-ordni li ġej:—

Titolu.

1. Dan l-ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1982 dwar il-Fabbriki (Estensjoni ta' Tifsir).

Estensjoni ta' tifsir.

2. Kull post jew spazju fil-beraħ fejn jiġi installat parank jew lift, u jkun użat għal jew in konnessjoni ma' negozju jew għal, jew dwar, skop ta' qligħ, kif ukoll kull post jew spazju fil-beraħ li jagħmel parti minn stabbiliment edukattiv, sptar, Dipartiment tal-Gvern, lukanda jew stabbiliment ta' l-ikel fejn jiġi nstallat parank jew lift, għandu jkun fabbrika li għaliha tapplika l-Ordinanza dwar il-Fabbriki.

Jirrevoka l-A.L. 46 ta' l-1964.

3. L-Ordni ta' l-1964 dwar il-Fabbriki (Estensjoni ta' Tifsir) hu b'dan revokat.